# .....IMMA!

*Ta'* Manwel Cassar

Id-dinja għandha raġun li tidħak bija
    Kull darba li tismagħni nibki d-dwejjaq
Għax hi ma tistenniex snin iż-żgħożija
    Ikunu mnikkta: jien ma nlumx lill-ħlejjaq
Li jkemmxu wiċċhom xħin jisimgħu kliemi.
    Hadd ma jistenna f' għandu jkun imdardar,
L-ilma ta' wied li messu safi u ħiemi,
    Jew li jkun hemm l-inxif fejn messu mħaddar,
Jew li ma jarmix dawl il-sien ta' xemgħa,
    Jew li ma jgħannix ħelu fomm għasfur,
Jew li mudlam issib tas-sajf is-sema.
    Jew li ma ssibx il-fwieħa f'qalb il-fjur;
'Mma jien li naf bid-djieq f'qalbi maħżun
    Naf li m'hemm xejn li ma jistax ikun.

12. 11. 52.